**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONIO MALLIA LL.D.**

**Illum, il-Hamis, 27 ta' Gunju, 2002**

Citazzjoni Numru: **1572/92TM**

Numru**:**

**Saviour u Marie konjugi Mifsud bhala diretturi ghan-nom tas-socjeta ACE TRAVEL LIMITED u dina bhala rapprezentanti f'Malta tas-socjeta' estera Cekoslovakka CSAD**

vs

**Alfred Pollacco bhala direttur in rapprezentanza tas-socjeta' VALFRACHT MARITIME COMPANY LIMITED**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata fid-19 ta' Novembru, 1992, mill-atturi nomine fejn ippremettew illi fis-27 ta' Ottubru, 1992 il-konvenuti kienu ottjenew minn din il-Qorti il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 3470/1992, kontra l-atturi nomine u dana ghas-somma ta' Lm500 (hames mitt liri Maltin);

Ippremettew illi l-kawzali a bazi ta' dan il-mandat kienet illi s-somma kawtelata kienet wahda kalkolata bhala danni ghal fini ta' l-istess mandat minhabba illi l-van Mercedes gie imblukkat milli jitghabba fuq il-vapur AKADEMIK MILLIONSCHIKOV fis-26 ta' Ottubru, 1992;

Ippremettew illi per konsegwenza ta' l-istess mandat inqabad go Malta it-*truck* u t-*trailer* tas-socjeta' attrici bin-numru CB 8534/8786, u dan ma setaghax jitghabba fuq il-vapur tal-kumpanija Tirrenia filghodu, izda sofra ritard ta' jum u tghabba wara li l-atturi nomine ghamlu d-depozitu sabiex ottjenew l-opportun kontro-mandat;

Ippremettew illi kif ghandu jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza, is-socjeta' attrici ma hi responsabbli ghall-ebda danni li setghet

soffriet is-socjeta' konvenuta, billi ma kienx tort taghha illi l-Mercedes van, li l-konvenuti riedu jghabbu, sfat imblukkata;

Ippremettew ghalhekk il-mandat ta' Sekwestru ottjenut mill-konvenut nomine kien abbuziv u illegali, u ikkawza danni lis-socjeta' attrici kif jigi ippruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Talbu ghalhekk biex ighid il-konvenut nomine ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex, *previ okkorendo* illi tiddikjara illi s-socjeta' attrici ma ghandha ebda tort illi l-Mercedes van giet imblukkata milli titghabba fuq il-vapur Akademik Millionschikov:

1. Tiddikjara illi l-konvenut nomine agixxa b'mod illegali u abbuziv meta dan ottjena il-hrug ta' mandat ta' sekwestru 3470/1992 kontra s-socjeta' attrici.

2. Tillikwida d-danni kawzati lis-socjeta' attrici per konsegwenza ta' l-agir illegali tas-socjeta' konvenuta;

3. Tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta sabiex thallas id-danni hekk likwidata lis-socjeta' attrici u dana bl-ispejjez inkluzi

dawk tad-depozitu in segwitu ghall-mandat ilmentat, u b'dawk ukoll tal-Mandat ta' sekwestru 3702/1992, kontra l-konvenut nomine li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn eccepixxa:

1. Illi l-azzjoni attrici hija mhux biss infondata fil-fatt u fid-dritt imma addirittura frivola u vessatorja, ghax l-eccipjent nomine kien qed jezercita id-drittijiet tieghu legittimi u in assoluta buona fede meta, biex jakkawtela id-drittijiet tas-socjeta' konvenuta kontra is-socjeta' estera attrici, issekwestra f'idejn il-Kontrollatur tad-Dwana il-*container*, biex fuq din il-proprjeta' f'Malta jirradika il-gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati fuq talba ghall-hlas tad-danni kagjonati mill-istess socjeta' estera attrici, u ghalhekk qatt ma jista' jkun possibbli ghal-proceduri odjerni u l-kundanna ghal hlas ta' xi danni, ghax kien "*sui juri utetur*".

2. Illi fil-mertu is-socjeta' attrici kienet verament ikkagunat danni lis-socjeta' konvenuta odjerna, meta bil-mod kif halliet li jintelaq *container* u truck taghha, imblokkat vettur Mercedes li kellha tigi mghobbija minn Malta mis-socjeta' konvenuta, u minhabba

f'dan l-imblokk kellha tithalla l-art, b'danni konsegwenzjali ghas-socjeta' konvenuta. Dawn id-danni diga qed jigu pretizi f'gudizzju seperat f'kawza fl-ismijiet inversi u hemm lok li iz-zewg kawzi jinstemghu kontestwalment ghall-ekonomija tal-gudizzju u gbir ta' provi.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza moghtija fit-28 ta' Dicembru, 2001, mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet inversi (citazzjoni numru 1493/92);

Rat il-provi prodotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet id-difensur tas-socjeta' konvenuta;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza s-socjeta' attrici, li kienet kolpita b'Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 3470/92, qed titlob dikjarazzjoni li l-Mandat hareg b'mod abbuziv u, per konsegwenza, soffriet danni peress li t-*truck* u *trailer* taghha ma thalliex jitlaq minn Malta qabel ma l-istess socjeta' attrici ottjeniet kontro-Mandat wara li ghamlet depositu tal-ammont pretiz mis-socjeta' konventua. Is-socjeta' attrici tallega li hi ma kellhiex x'taqsam mal-ilment tas-socjeta' konvenuta kawtelat fil-Mandat ta' Sekwestru indikat u, kwindi, ghad-danni li soffriet minhabba l-ezekuzzjoni tal-istess Mandat, kienet tahti s-socjeta' konvenuta.

Mill-premess jidher li t-talba tas-socjeta' attrici f'din il-kawza kien jiddependi fuq l-esitu tal-kawza li s-socjeta' konvenuta fethet ghall-kanonizazzjoni tal-pretensjoni taghha kawtelata bil-Mandat kawtelatorju minnha mitlub. Kien f'dik il-kawza li kellu jigi deciz jekk is-socjeta' konvenuta kellhiex ragun tavvanta l-pretensjoni kawtelata kif inghad, u jekk is-socjeta' attrici kellhiex tort jew le ghall-akkadut. Kien ghalhekk, li s-smigh ta' din il-kawza kellu bilfors jistenna l-ezitu tal-kawza l-ohra istitwita mis-socjeta' konvenuta odjerna.

L-ilment tas-socjeta' konvenuta kien jikkonsisti fil-fatt li hi riedet tesporta karozza tat-tip Mercedes Benz ta' klijent taghha minn Malta ghal Limasol, f'Cipru fuq il-vapur "Akademik Milionskipov", u ghal dan il-ghan dahlet l-istess karozza bil-lest fuq *in-New Deep Water Quay*, il-Marsa, biex l-istess titghabba fuq l-istess vapur. Gara, pero', li quddiem din il-karozza, thalla li jipparkja, b'mod li zgur il-karozza ma setghetx tohrog, *truck* u *trailer* tas-socjeta' Cekoslovakka CASD, rapprezentata f'din il-kawza mis-socjeta' attrici. Minhabba dan, il-karozza Mercedez Benz ma setghetx titghabba fuq il-vapur imsemmi u din salpat minghajrha. Is-socjeta' konvenuta allegat danni, u wara li harget il-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju indikat, aggixxiet gudizzjarjament kemm kontra s-socjeta' attrici in rapprezentanza tas-socjeta' estera Cekoslovakka imsemmija, kif ukoll kontra s-socjeta' lokali, The Cargo Handling Company Limited, li hija l-kumpanija licenzjata biex topera l-hatt ta' merkanzija ghal u mill-vapur fil-port.

Il-kawza li fethet is-socjeta' konvenuta giet deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Mejju, 1999, u mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-28 ta' Dicembru, 2001. Skond din is-sentenza, li issa hija definitiva, is-

socjeta' attrici (dik konvenuta f'dawn il-proceduri) kellha ragun fil-pretensjoni taghha u kienet intitolata ghad-danni li gew kwantifikati fis-somma ta' LM712. Responsabbli ghal dawn id-danni kienu kemm is-socjeta' estera (attrici f'dawn il-proceduri), kif ukoll is-socjeta' lokali The Cargo handling Co. Ltd. Il-Qorti qalet li l-grad ta' responsabbilita' tas-socjeta' estera kien akbar minn dak tas-socjeta' lokali, u fil-fatt sabet lis-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd responsabbli fi grad ta' terz (1/3), u s-socjeta' estera, rapprezentata lokalment mis-socjeta' Ace Travel (attrici f'dawn il-proceduri), responsabbli fi grad ta zewg terzi (2/3).

Mill-premess isegwi illi, kuntrarjament ghal dak allegat mis-socjeta' attrici fil-premessi ta' din ic-citazzjoni, kellha parti kbira mit-tort il-ghaliex il-Mercedes tas-socjeta' konvenuta ma tghabbiet fuq il-vapur. Anzi, mill-atti tal-kawza l-ohra, jidher li t-tort principali kien taghha u dan peress li t-truck u trailer taghha kellu hsara u ma setax jinsaq; inoltre, is-sewwieq tat-truck ma setghax jigi kkuntatjat u, kwindi, ggamja kollox. Ir-responsabbilita' tas-socjeta' The Cargo handling kienet biss wahda indiretta, fis-sens li kellha tippevedi gwasti simili u tiehu l-prekawzjoni; il-htija tas-socjeta' estera

kienet, pero' fil fehma tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, wahda "magguri".

Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi, ma jistax jinghad li l-pretensjoni tas-socjeta' konvenuta kienet bla bazi, u lanqas ma jista' jinghad li t-talba ghall-hrug tal-Mandat kienet wahda li saret b'malizzja, kienet frivola jew vessatorja (ara artikolu 836(8)(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta); lanqas ma jirrizulta li s-somma kawtelata kienet wahda esagerata.

L-azzjoni attrici hija bazata kollha kemm hi fuq il-pretesjoni illi "ma kienx tort taghha illi l-Mercedes van, li l-konvenuti riedu jghabbu, sfat imblukkata"; darba din ma tirrizultax, u anzi jirrizulta l-kuntrarju, it-talbiet tas-socjeta attrici ma jistghux jigi milqugha.

Il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**IMHALLEF**

**D/REG**